MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 287/2005/1

**Frank Coppola (ID: 1107744(M))**

**vs**

**General Road Servicing Limited u Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali San Gwann in rapprezentanza ta' l-istess Kunsill**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' April 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm825.65c (tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attur meta fis-17 ta' Novembru, 2004 waqt li

iben l-attur kien qed isuq il-vettura Renault Clio CLI 044 proprjeta' ta' l-istess attur fi Triq is-Sebuqa, San Gwann kien qed isir xoghol ta' thaffir fl-istess triq minghajr ma kien hemm ebda ndikazzjoni.

Ra li l-kawza giet ceduta fil-konfront tas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-General Road Servicing Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-General Road Servicing Limited naqset u ma dehritx, la fil-21 ta' Marzu, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-General Road Servicing Limited thallas lill-attur is-somma ta' Lm825.65c (tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu) bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta li talbet ir-revoka taghha. L-uniku aggravju taghha hu wiehed ta' indoli procedurali u hu maghmul jikkonsisti mis-sottomissjoni illi l-proceduri li ttiehdu mill-attur kienu jiddifettaw in kwantu hi ma kienetx ghadha tissejjah bl-isem kif giet citata. Skond is-socjeta` appellanti l-aggravju taghha jammonta ghall-eccezzjoni ta' nullita` ta' attijiet gudizzjarji kontemplata fl-Artikolu 789 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament is-subinciz (d) tieghu;

L-imsemmija disposizzjoni tipprovdi ghal kaz ta' nullita` "jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi". Jissokta jinghad pero` fil-proviso ghalih illi l-eccezzjoni tan-nullita` "ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi";

Approfondiment ta' din id-disposizzjoni juri bla ebda ombra ta' dubju l-infondatezza ta' l-aggravju sottomess;

Fl-ewwel lok id-difett taht l-inciz fuq espress irid ikun ta' xi element essenzjali preskritt mil-ligi. Bazi din ferm dubja f' dan il-kaz ghaliex ma jirrizultax li l-att ta' l-avviz kif propost jikkontjieni xi nuqqas ta' din ix-xorta. Kif spjegat mill-Onor. Imhallef insenji Maurice Caruana Curran fid-decizjoni tieghu ta' l-14 ta' Mejju 1970 fil-kawza "**Victor Henry Debono *et* -vs- Onor. Dottor Vincent Tabone *nomine***", "jidher li hawnhekk il-kelma operativa hija 'partikolarita`' ghax, din ma tistax tirriferixxi hlief ghal kontenut tac-citazzjoni, bhal ma huma l-kawzali, l-oggett, l-ordni ghal komparizzjoni f' isem ir-Regina, il-firma ta' l-Avukat, dik ta' l-Imhallef, u l-estremi l-ohra indikati fil-formola *ad hoc* annessa mal-Kodici ta' Procedura inkluz l-ordni ghall-prezentazzjoni ta' l-eccezzjonijiet". Aktar qabel inghad f' din l-istess sentenza illi "l-elementi jew 'particulars' li ghandhom jinghataw fic-citazzjoni huma jew komuni ma' l-atti gudizzjarji l-ohra (Artikoli 174, 176, 178) jew partikolari ghalija (Artikoli 153, 154, 155, 114, 115, illum Artikoli 154, 155, 156, 117, 118)";

Huwa bil-wisq evidenti mill-predett insenjament illi s-socjeta` appellanti htiegilha tipprova mhux nullita` kwalunkwe imma nullita` ta' tip partikulari, jigifieri ta' "xi partikolarita` essenzjali". Anke kieku kellu ghall-grazzja ta' l-argoment jigi accettat illi l-isem tal-kumpanija mharrka kien skorrett dan ma kienx dik il-"partikolarita` essenzjali" ta' l-att li trid il-ligi, u allura ma jwassalx ghan-nullita` tieghu, kif hekk pretiz mis-socjeta` appellanti. Al piu` jista' jwassal ghal sitwazzjoni fejn il-gudikat moghti jkun ineffettiv ghal skop ta' ezekuzzjoni. Dak li hu cert hu li s-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex tiskarika minn fuqha l-oneru li tipprova li l-att ta' l-avviz kien jonqsu verament xi partikolarita` essenzjali minn fost dawk li gew ezemplifikati fis-sentenza precitata. Ghalhekk biss l-aggravju ma jistax jigi akkolt. Dan apparti mbaghad il-fatt ovvju illi l-istess socjeta` appellanti naqset milli minimament tindika, bl-

esibizzjoni ta’ l-istatut socjali, l-isem korrett tas-socjeta` mharrka. Dan l-oneru kien ukoll jinkombi lilha u hi naqset milli tiddisimpenja ruhha fir-rigward. *Multo magis*, imbaghad, meta kienet rinfaccjata bi provi dokumentali esebiti mill-attur mar-risposta ta’ l-appell tieghu u li jistabilixxu illi isem is-socjeta` appellanti hu effettivament dak li bih giet azzjonata;

Hemm aspett iehor li jidher li sfugga ghal kollox kemm lis-socjeta` appellanti kif ukoll lill-attur appellat. Id-decizjoni li minnha sar appell inghatat mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Issa l-Att V ta’ l-1995 li kkreja dan it-Tribunal jipprovdi ghall-proceduri spediti bil-minimu ta’ informalita` u regoli procedurali. Jinghad espressament fis-subinciz 3 ta’ l-Artikolu 9 ta’ l-Att illi “ebda procediment quddiem it-Tribunal ma jkun invalidu minhabba fin-nuqqas ta’ tharis ta’ xi formalita` sakemm wiehed ikun mexa b’ mod konformi kemm jista’ jkun ma’ l-Att jew mar-regoli maghmula tahtu”. Apparti dak li gja gie rilevat aktar ‘il fuq, l-kwestjoni, rigwardata mill-perspettiva ta’ l-Att imsemmi, ma tidherx li twassal lanqas ghal dik in-nullita ta’ l-att promotur u ta’ l-atti l-ohra sussegwenti. Dan mhux biss ghax din in-nullita mhix espressament komminata mil-ligi izda l-Att innifsu, f’ kull kaz, jipprovdi ghas-salvazzjoni ta’ l-att gudizzjarju, anke jekk dan ikun jippekka minn xi difett fil-formalita` tieghu;

Dejjem estratt mis-sentenza ampjament citata in re: “**Debono *et* -vs- Tabone *nomine***”, insibu li “n-nullitajiet huma odjuzi, ma jistax jigu prezunti, ma jistghux jigu estizi minn kaz ghall-iehor u in generali jirripunjaw ghaz-‘zeitgeist’ modern li huwa kuntrarju ghar-ripetizzjoni tal-kawzi u atti gudizzjarji u ghall-moltiplikazzjoni ta’ l-ispejjez u telf ta’ zmien anti-ekonomiku hlief ghar-ragunijiet verament serji”, li hawnhekk ma huwiex il-kaz. Fl-istess sens hi s-sentenza fl-ismijiet “**Joseph Borg *nomine* -vs- Alice Grech *et***”, Appell Civili, 14 ta’ Novembru 1994.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------